



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.10.2004
KUMM(2004) 666 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja 2000-2006

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Intestatura 1 'Agrikoltura'

Ir-riforma tal-politika agrikola komuni (CAP) adottata mill-Kunsill f' Settembru 2003¹ tippredvi tnaqqis fil-ħlasijiet diretti ('modulazzjoni') biex tiffinanzja politika għall-iżvilupp rurali. Dan għandu jinvolvi sistema ta' tnaqqis progressiv fi ħlasijiet diretti li għandhom jiġu introdotti bilfors fil-Komunità kollha għas-snin 2005 sa 2012, biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn għodod ta' politika ddisinjati biex jippromwovu agrikoltura sostenibbli u dawk iddiżinjati biex jippromwovu żvilupp rurali u biex jiffinanzjaw il-miżuri addizzjonali għall-iżvilupp rurali.

Kull ħlasijiet diretti l-fuq minn 5,000 € jiġu mnaqqsa b' perċentwali mogħtija għal kull sena. It-tfaddil li jirriżulta jkun użat biex jiffinanzja miżuri addizzjonali taħt politika ta' żvilupp rurali u allokat lill-Istati membri skond kriterji oġġettivi. Ir-rata ta' modulazzjoni tibda fl-2005 bi 3% ta' l-ammonti mogħtija lill-bdiewa, li jiżdied għal 4% fl-2006 u jilħqu 5% għall-perjodu 2007-2012.

B' riżultat ta' dan, parti mill-approprijazzjonijiet għall-impenji previsti fil-mument għal ħlasijiet diretti taħt is-sottointestatura 1a 'Politika agrikola komuni' tal-perspettiva finanzjarja ikunu trasferiti lis-sottointestatura 1b 'Żvilupp rurali'. Dan it-trasferiment, madanakollu, m'għandux effett fuq l-oġġla limitu totali ffissat ta' intestatura 1 'Agrikoltura' billi modulazzjoni sempliċement timplika logħba ta' total zero bejn iż-żewġ sotto-intestaturi tagħha.

L-ewwel sena (sena kalendarja 2005 = sena ta' stima 2006) ta' dan it-trasferiment ta' approprazzjoni jikkonċidi ma' l-aħħar sena tal-perspettivi finanzjarji kurrenti.

Modulazzjoni ma tapplikax fl-Istati Membri l-Ġodda matul il-perjodu ta' introduzzjoni tal-ħlasijiet diretti.

Estimi kurrenti għall-appropriazzjonijiet għall-impenji biex jiġu trasferiti mis-sottointestatura 1a lis-sottointestatura 1b għall-baġit 2006 jindikaw figura ta' madwar 655 miljun €.

Punt 10 tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) ta' l-1999 jistipula li "Il-perspettivi finanzjarji għall-2000 sa l-2006 jistabbilixxu, għal kull sena u għal kull intestatura jew sottointestatura, ammont ta' spiża f' terminu ta' approprazzjonijiet għall-impenji." Punt 11.1 iżid li "L-Istituzzjonijiet jgħarfli li kull wieħed mill-ammonti stabbiliti f' valur assolut fil-perspettivi finanzjarji ta' bejn l-2000 u l-2006 jirrapreżentaw l-oġġla limitu fuq l-infiq taħt il-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej."

L-introduzzjoni ta' modulazzjoni għalhekk tirrikjedi reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja fi qbil mal-proċedura stabbilita fil-punti 19 sa 21 ta' IIA.

Billi l-oġġla limitu 'totali ta' l-intestatura 1 mhux se tinbidel, il-Kummissjoni tipproponi li ddaħħal in-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja fit-tabelli ta' perspettiva finanzjarja għas-sena 2006 għal intestatura 1:

"Ir-rispett ta' l-oġġla limiti tal-perspettiva finanzjarja ma twaqqafx, fl-2006, it-trasferiment ta' approprazzjonijiet taħt is-sottointestatura 1a sas-sottointestatura 1b,

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

minħabba fil-modulazzjoni, taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1782/03.”

B'din il-modifika tal-perspettivi finanzjarji, l-Kummissjoni tkun imbagħad kapaċi tistabbilixxi l-abbozz tal-baġit preliminari ta' l-2006 fi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-riforma tal-CAP ta' l-2003.

Intestatura 2 ‘Azzjonijiet Strutturali’

Il-konsolidazzjoni tal-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq, li għaliha l-programm PEACE għamel kontribuzzjoni essenzjali u oriġinali matul il-perjodu 2000-2004, għadu jirrikjedi daqsxejn ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni Ewropea għal perjodu tal-perspettiva finanzjarja 2000-2006 li jifdal. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 stiednet lill-Kummissjoni biex teżamina il-possibiltà li l-interventi ta' PEACE II ikunu fl-istess linja ma' azzjonijiet strutturali oħra li jaslu fit-tmiem fl-2006, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom.

Minħabba fin-natura speċifika tas-sottointestatura ‘Fondi strutturali’ fil-perspettiva finanzjarja u fin-nuqqas ta' marġini taħt din is-sottointestatura, l-infiq supplimentari għal PEACE II għas-snin 2005 u 2006 jinvolvi li l-ogħla limitu għall-appropriazzjonijiet ta' impenn tas-sottointestatura ‘Fondi strutturali’ jiżdiedu bl-ammonti rilevanti. Dawn l-ammonti huma previsti fir-Regolament tal-Kunsill Nru [...] li jimmodifika ir-Regolament KE Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi strutturali u jrid jiżdied ma' l-appropriazzjonijiet għall-impenn previsti fil-mument għas-sottointestatura ‘Fondi strutturali’.

Fi qbil ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni, l-Kummissjoni tikkonduċi verifika ta' nofs il-mandat għall-eliġibilità. Ir-Regolament jistipola li kull Stat Membru li l-prodott gross nazzjonali tiegħu (GNP) r-ras, meta mkejjel bl-istandards tas-saħħa tax-xiri, jeċċedi id-90% tal-medja tal-Komunità għandha tiflew il-jedd għal assistenza mill-Fond għal proġetti l-ġodda. Fuq din il-bażi, il-verifika ta' nofs il-mandat ikkonkludiet li l-Irlanda mhux aktar eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni mill-2004. L-implikazzjonijiet finanzjarji ta' din it-telfa ta' eliġibilità huma mfissra fi Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew².

Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament jistipola li, fil-każ ta' Stat Membru li jsir ineliġibbli, riżorsi mill-Fond ta' Koeżjoni jitnaqqsu kif meħtieġ. L-appropriazzjonijiet għall-impenn stipulati mis-sottointestatura ‘Fond ta' koeżjoni’ fl-intestatura 2 tal-perspettiva finanzjarja għandha għalhekk titnaqqas bl-ammonti korrispondenti.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi l-aġġustamenti li ġejjin li huma neċessarji għat-tkomplija tal-programm PEACE u għan-nuqqas ta' eliġibilità ta' l-Irlanda għall-Fond tal-Koeżjoni:

- biex jiżdied l-ogħla limitu għall-appropriazzjonijiet għall-impenn tas-sottointestatura ‘Fondi strutturali’, jitnaqqas dak tas-sottointestatura ‘Fond ta' Koeżjoni’, u jiġi ġġustat l-ogħla limitu ta' l-intestatura 2 ‘Azzjonijiet strutturali’ kif meħtieġ għas-snin 2005 u 2006, bil-prezzijiet ta' l-1999.

² KUMM(2004) 191 finali ta' l-24.3.2004: komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fuq ir-risultati tal-verifika ta' nofs terminu ta' l-eliġibilità fi qbil ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 li jwaqqaf il-Fond ta' Koeżjoni.

- biex isiru l-aġġustamenti tekniċi ta' dawn l-ammonti għas-sena 2005, fi qbil ma' l-evoluzzjoni tal-prezzijiet u l-GNI (id-dħul gross nazzjonali).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja 2000-2006

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u ttjib tal-proċeduri tal-baġit, u b' mod partikolari l-punti 19, 20 u 21 tiegħu³,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni⁴,

Jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fil-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 272(9) tat-Trattat⁵,

Billi:

- (1) Ir-riforma tal-politika agrikola komuni adottata mill-Kunsill f' Settembru 2003⁶ jipprovdha għal tnaqqis fil-ħlasijiet diretti ('modulazzjoni') biex tiffinanzja politika għall-iżvilupp rurali biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-għodod ta' politika diżinjati biex jippromwovu agrikoltura sostenibbli u dawk diżinjati biex jippromwovu żvilupp rurali u biex jiffinanzjaw miżuri addizzjonali għall-iżvilupp rurali. Il-perspettiva finanzjarja stipulata fl-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġit arja u ttjib tal-proċeduri baġitarji kif riveduti mid-Deċiżjoni 2003/430/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, minn hawn 'il quddiem "il-perspettiva finanzjarja", għandha għalhekk tkun emendata biex tiegħu in konsiderazzjoni l-effett tal-'modulazzjoni' għas-sena 2006. Bħala konsegwenza, approprjazzjonijiet għall-impenn mis-sottointestatura 1a 'Politika Agrikola Komuni' jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri addizzjonali taħt is-sottointestatura 1b 'Żvilupp rurali', bl-ebda bidla fl-ogħla limitu ta' l-intestatura 1 'Agrikoltura'.
- (2) Il-programm PEACE mwaqqaf fi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 jistipola dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali⁸ ġab kontribuzzjoni essenzjali lill-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq matul il-perjodu 2000-2004. Il-konsolidizzazzjoni ta' dak il-proċess ikompli jirrikjedi appoġġ finanzjarju mill-Komunità għal perjodu li jifdal tal-perspettiva finanzjarja. Minħabba fin-natura speċifika tas-sottointestatura 'Fondi Strutturali' fil-perspettiva

³ ĠU L 172, tat-18.6.1999, p. 1.

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' [...] u id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [...].

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

⁷ ĠU L 147, ta' 1-14.6.2003, p. 31.

⁸ ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 1, ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru [...].

finanzjarja u fin-nuqqas ta' marġini taħt din is-sottointestatura, l-infiq supplimentari għal programm PEACE jirrikjedi limitu ogħla għall-appropriazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammonti stipulati fir-Regolament Nru 1260/1999 kif emendat mir-Regolament (KE) Nru [...]. Dan l-agggustament għandu jiġi rifless anki fl-ogħla limitu ta' l-intestatura 2 'Azzjonijiet strutturali'.

- (3) Fi qbil ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi l-Fond ta' Koezjoni⁹, l-Kummissjoni tikkonduċi verifika ta' nofs il-mandat għall-eliġibilita u tikkonkludi li l-Irlanda m'għadiex aktar eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni mill-2004. L-implikazzjoni finanzjarja ta' dan in-nuqqas ta' eliġibilita hi li r-riżorsi totali għall-impennji fil-perjodu 2004 sa l-2006 ikunu mnaqqsa b' 164 miljun € (prezzijiet ta' l-1999)¹⁰. Il-perspettiva finanzjarja għandha għalhekk tkun riveduta bit-tnaqqis ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenn taħt is-sottointestatura 'Fond ta' koeżjoni', kif xieraq. Dan l-agggustamenti għandu jiġi ukoll rifless fl-ogħla limitu ta' l-intestatura 2 'Azzjonijiet strutturali'.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-perspettiva finanzjarja stipulata fl-Anness I ta' dan il-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja u titjib tal-proċedura baġitarja kif riveduta mid-Deċiżjoni 2003/430/KE hija riveduta kif ġej:

1. Fl-intestatura 1 'Agrikoltura' tat-Tabella 1a, Tabella 1b, Tabella 2a u Tabella 2b in-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja għandha tkun miżjuda mal-kolonna għas-sena 2006:

"Ir-rispett ta' l-ogħla limiti tal-perspettiva finanzjarja ma twaqqafx, fl-2006, it-trasferiment ta' appropriazzjonijiet taħt is-sottointestatura 1a sas-sottointestatura 1b, minħabba fil-modulazzjoni, taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stipulati fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1782/2003."

2. L-ogħla limitu annwali ta' appropriazzjonijiet għall-impennji sottointestatura 'Fondi strutturali' fl-intestatura 2 tat-Tabella 1a, Tabella 1b, Tabella 2a u Tabella 2b għandha tiġi emendata kif ġej:

- (a) il-figura għas-sottointestatura 'Fondi strutturali' għandha tizzied fl-2005 u l-2006 bl-ammont korrispondenti għall-kontinwazzjoni tal-programm PEACE;

Ammonti addizzjonali fi <i>fondi strutturali</i> għall-programm PEACE II	2005	2006
miljuni f' € bil-prezzijiet ta' l-1999	+53	+52
miljuni f' € bil-prezzijiet ta' l-2005	+60	+59

⁹ ĠU L 130, tal-25.5.1994, p. 1. Ir-Regolament ġie emendat l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni 2003.

¹⁰ KUMM(2004) 191 finali.

- (b) il-figura għas-sottointestatura 'Fond ta' koeżjoni' ser titnaqqas fl-2005 u fl-2006 bl-ammonti li jikkorrispondu għat-telf ta' eliġibilità ta' l-Irlanda għall-Fondi ta' Koeżjoni mill-2004:

Ammonti mnaqqsa għal <i>fondi ta' koeżjoni</i> għall-Irlanda	2005	2006
miljuni f' € bil-prezzijiet ta' l-1999	-55	-54
miljuni f' € bil-prezzijiet ta' l-2005	-61	-60

- (c) il-bidla konsolidata f' approprjazzjonijiet għall-impenn għall-intestatura 2 'Azzjonijiet strutturali' għandha tkun kif ġej:

Bidla fl-intestatura 2 <i>azzjonijiet strutturali</i>	2005	2006
miljuni f' € bil-prezzijiet ta' l-1999	-2	-2
miljuni f' € bil-prezzijiet ta' l-2005	-1	-1

Artikolu 2

1. Il-perspettiva finanzjarja li tirriżulta għall-Unjoni Ewropea, fi prezzijiet ta' l-1999, hija stipulata fit-Tabelli 1a u 1b fl-Anness.
2. Il-perspettiva finanzjarja korrispondenti li tirriżulta mill-aġġustament tekniku għall-2005, fi qbil mal-movimenti tad-Dħul Gross Nazzjonali (GNI) u l-prezzijiet, hija stipulata fit-Tabella 2a u 2b fl-Anness.

Magħmula fi Brussel, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
 [...]

Għall-Kunsill
Il-President
 [...]

ANNEX

TABELLA 1a: PERSPETTIVA FINANZJARJA RIVEDUTA (UE-25) GĦAL PREZZIJET TA' L-1999

(miljun EUR)							
APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
1. AGRIKOLTURA	40.920	42.800	43.900	43.770	44.657	45.677	45.807 ⁽¹⁾
1a Politika Agrikola Komuni	36.620	38.480	39.570	39.430	38.737	39.602	39.612
1b Żvilupp Rurali	4.300	4.320	4.330	4.340	5.920	6.075	6.195
2. OPERAZZJONIJIET STRUTTURALI	32.045	31.455	30.865	30.285	35.665	36.500	37.938
Fondi Strutturali	29.430	28.840	28.250	27.670	30.533	31.888	32.660
Fond ta' Koeżjoni	2.615	2.615	2.615	2.615	5.132	4.612	5.278
3. POLITIKA INTERNA	5.930	6.040	6.150	6.260	7.877	8.098	8.212
4. AZZJONIJIET ESTERNI	4.550	4.560	4.570	4.580	4.590	4.600	4.610
5. AMMINISTRAZZJONI ⁽²⁾	4.560	4.600	4.700	4.800	5.403	5.558	5.712
6. RIŻERVI	900	900	650	400	400	400	400
Riżerva monetarja	500	500	250				
Riżerva ta' assistenza t' emerġenza	200	200	200	200	200	200	200
Riżerva ta' garanzija	200	200	200	200	200	200	200
7. STRATEĠIJA TA' QABEL L-ADEŻJONI	3.120	3.120	3.120	3.120	3.120	3.120	3.120
Agrikoltura	520	520	520	520			
Strument strutturali ta' qabel l-adeżjoni	1.040	1.040	1.040	1.040			
PHARE (pajjiżi applikanti)	1.560	1.560	1.560	1.560			
8. KUMPENS					1.273	1.173	940
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-IMPENNI	92.025	93.475	93.955	93.215	102.985	105.126	106.739
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-HLASIJET	89.600	91.110	94.220	94.880	100.800	101.600	103.840
Limitu, approprjazzjonijiet għal ħlasijiet f' % tal-GNI (ESA 95)	1,07%	1,07%	1,10%	1,11%	1,11%	1,08%	1,07%
Marġni għal infiq imprevisit	0,17%	0,17%	0,14%	0,13%	0,13%	0,16%	0,17%
Limitu ta' Riżorsi Propri	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) Ir-rispett tal-limiti tal-perspettiva finanzjarji ma jipprevjenix, fl-2006, it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet taħt l-intestatura 1a sa l-intestura 1b, minħabba modulazzjoni, taħt il-kundizzjonijiet u fil-limiti 'a' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill 1782/03

(2) In-nefqa fuq pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għall din l-intestatura huwa l-kalkolu nett tal-kontributi ta' l-istaff għall-iskema ta' pensjoni, sa massimu ta' 1 100 miljun euro fi prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu 2000-2006

**TABELLA 1b: PERSPETTIVA FINANZJARJA RIVEDUTA (UE-25) GĦAL PREZZIJET TA' L-1999
(inkluż implikazzjoniet baġitarji ta' soluzzjoni politika f'Ċipru)**

(miljun EUR)							
APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
1. AGRIKOLTURA	40.920	42.800	43.900	43.770	44.650	45.675	45.805 ⁽¹⁾
1a Politika Agrikola Komuni	36.620	38.480	39.570	39.430	38.740	39.611	39.622
1b Żvilupp Rurali	4.300	4.320	4.330	4.340	5.910	6.064	6.183
2. OPERAZZJONIJIET STRUTTURALI	32.045	31.455	30.865	30.285	35.718	36.577	38.050
Fondi Strutturali	29.430	28.840	28.250	27.670	30.571	31.952	32.755
Fond ta' Koeżjoni	2.615	2.615	2.615	2.615	5.147	4.625	5.295
3. POLITIKA INTERNA	5.930	6.040	6.150	6.260	7.891	8.112	8.226
4. AZZJONIJIET ESTERNI	4.550	4.560	4.570	4.580	4.590	4.600	4.610
5. AMMINISTRAZZJONI ⁽²⁾	4.560	4.600	4.700	4.800	5.403	5.558	5.712
6. RIŻERVI	900	900	650	400	400	400	400
Riżerva monetarja	500	500	250				
Riżerva ta' assistenza t' emerġenza	200	200	200	200	200	200	200
Riżerva ta' garanzija	200	200	200	200	200	200	200
7. STRATEĠIJA TA' QABEL L-ADEŻJONI	3.120	3.120	3.120	3.120	3.120	3.120	3.120
Agrikoltura	520	520	520	520			
Strument strutturali ta' qabel l-adeżjoni	1.040	1.040	1.040	1.040			
PHARE (pajjiżi applikanti)	1.560	1.560	1.560	1.560			
8. KUMPENS					1.273	1.173	940
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-IMPENNI	92.025	93.475	93.955	93.215	103.045	105.216	106.863
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-HLASIJET	89.600	91.110	94.220	94.880	100.800	101.600	103.840
Limitu, approprjazzjonijiet għal ħlasijiet f' % tal-GNI (ESA 95)	1,07%	1,07%	1,10%	1,11%	1,11%	1,08%	1,07%
Marġni għal infiq imprevisit	0,17%	0,17%	0,14%	0,13%	0,13%	0,16%	0,17%
Limitu ta' Riżorsi Propri	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) Ir-rispett tal-limiti tal-perspettiva finanzjarja ma jipprevjenix, fl-2006, it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet taħt l-intestatura 1a sa l-intestatura 1b, minħabba modulazzjoni, taħt il-kundizzjonijiet u fil-limiti 'a' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill 1782/03

(2) In-nefqa fuq pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għall din l-intestatura huwa l-kalkolu nett tal-kontributi ta' l-istaff għall-iskema ta' pensjoni, sa massimu ta' 1 100 miljun euro fi prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu 2000-2006

TABELLA 2a: PERSPETTIVA FINANZJARJA RIVEDUTA (UE-25) GĦAL PREZZIJET TAL-ĠURNATA

(miljun EUR)	Prezzijiet Kurrenti						Prezzijiet ta' I-2005
APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
1. AGRIKOLTURA	41.738	44.530	46.587	47.378	49.305	51.439	51.587 (1)
1a Politika Agrikola Komuni	37.352	40.035	41.992	42.680	42.769	44.598	44.610
1b Żvilupp Rurali	4.386	4.495	4.595	4.698	6.536	6.841	6.977
2. OPERAZZJONIJIET STRUTTURALI	32.678	32.720	33.638	33.968	41.035	42.440	43.700
Fondi Strutturali	30.019	30.005	30.849	31.129	35.353	37.307	37.827
Fond ta' Koeżjoni	2.659	2.715	2.789	2.839	5.682	5.133	5.873
3. POLITIKA INTERNA	6.031	6.272	6.558	6.796	8.722	9.012	9.138
4. AZZJONIJIET ESTERNI	4.627	4.735	4.873	4.972	5.082	5.119	5.130
5. AMMINISTRAZZJONI (2)	4.638	4.776	5.012	5.211	5.983	6.185	6.356
6. RIŻERVI	906	916	676	434	442	446	446
Riżerva monetarja	500	500	250				
Riżerva ta' assistenza t' emerġenza	203	208	213	217	221	223	223
Riżerva ta' garanzija	203	208	213	217	221	223	223
7. STRATEĠIJA TA' QABEL L-ADEŻJONI	3.174	3.240	3.328	3.386	3.455	3.472	3.472
Agrikoltura	529	540	555	564			
Strument strutturali ta' qabel l-adeżjoni	1.058	1.080	1.109	1.129			
PHARE (pajjiżi applikanti)	1.587	1.620	1.664	1.693			
8. KUMPENS					1.410	1.305	1.046
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-IMPENNI	93.792	97.189	100.672	102.145	115.434	119.418	120.875
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-ĦLASIJIET	91.322	94.730	100.078	102.767	111.380	114.060	116.555
Limitu, approprjazzjonijiet għal ħlasijiet f' % tal-GNI (ESA 95)	1,07%	1,08%	1,11%	1,09%	1,11%	1,09%	1,08%
Marġni għal inġieq imprevisi	0,17%	0,16%	0,13%	0,15%	0,13%	0,15%	0,16%
Limitu ta' Riżorsi Propriji	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) Ir-rispett tal-limiti tal-perspettiva finanzjarja ma jipprevjenix, fl-2006, it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet taħt l-intestatura 1a sa l-intestura 1b, minħabba modulazzjoni, taħt il-kundizzjonijiet u fil-limiti 'a' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill 1782/03

(2) In-nefqa fuq pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għall din l-intestatura huwa l-kalkolu nett tal-kontributi ta' l-istaff għall-iskema ta' pensjoni, sa massimu ta' 1 100 miljun euro fi prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu 2000-2006

**TABELLA 2b: PERSPETTIVA FINANZJARJA RIVEDUTA (UE-25) GĦAL PREZZIJET TAL-ĠURNATA
(inkluż implikazzjoniet baġit arji ta' soluzzjoni politika f'Ċipru)**

(miljun EUR)	Prezzijiet Kurrenti						Prezzijiet ta' l-2005
	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	41.738	44.530	46.587	47.378	49.297	51.437	51.584 ⁽¹⁾
1. AGRIKOLTURA	41.738	44.530	46.587	47.378	49.297	51.437	51.584
1a Politika Agrikola Komuni	37.352	40.035	41.992	42.680	42.772	44.608	44.621
1b Żvilupp Rurali	4.386	4.495	4.595	4.698	6.525	6.829	6.963
2. OPERAZZJONIJIET STRUTTURALI	32.678	32.720	33.638	33.968	41.094	42.527	43.826
Fondi Strutturali	30.019	30.005	30.849	31.129	35.395	37.379	37.934
Fond ta' Koeżjoni	2.659	2.715	2.789	2.839	5.699	5.148	5.892
3. POLITIKA INTERNA	6.031	6.272	6.558	6.796	8.737	9.027	9.154
4. AZZJONIJIET ESTERNI	4.627	4.735	4.873	4.972	5.082	5.119	5.130
5. AMMINISTRAZZJONI ⁽²⁾	4.638	4.776	5.012	5.211	5.983	6.185	6.356
6. RIŻERVI	906	916	676	434	442	446	446
Riżerva monetarja	500	500	250	0	0	0	0
Riżerva ta' assistenza t' emerġenza	203	208	213	217	221	223	223
Riżerva ta' garanzija	203	208	213	217	221	223	223
7. STRATEĠIJA TA' QABEL L-ADEŻJONI	3.174	3.240	3.328	3.386	3.455	3.472	3.472
Agrikoltura	529	540	555	564			
Strument strutturali ta' qabel l-adeżjoni	1.058	1.080	1.109	1.129			
PHARE (pajjiżi applikanti)	1.587	1.620	1.664	1.693			
8. KUMPENS					1.410	1.305	1.046
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-IMPENNI	93.792	97.189	100.672	102.145	115.500	119.518	121.014
APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-HLASIJET	91.322	94.730	100.078	102.767	111.380	114.060	116.555
Limitu, approprjazzjonijiet għal ħlasijiet f' % tal-GNI (ESA 95)	1,07%	1,08%	1,11%	1,09%	1,11%	1,09%	1,08%
Marġni għal infiq imprevisit	0,17%	0,16%	0,13%	0,15%	0,13%	0,15%	0,16%
Limitu ta' Riżorsi Propri	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) Ir-rispett tal-limiti tal-perspettiva finanzjarja ma jipprevjenix, fl-2006, it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet taħt l-intestatura 1a sa l-intestatura 1b, minħabba modulazzjoni, taħt il-kundizzjonijiet u fil-limiti 'a' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill 1782/03

(2) In-nefqa fuq pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għall din l-intestatura huwa l-kalkolu nett tal-kontributi ta' l-istaff għall-iskema ta' pensjoni, sa massimu ta' 1 100 miljun euro fi prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu 2000-2006